# IL-GHANJA TA' LOURDES

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

*Lil ħabibi*
*l-Prof. Ġużè Aquilina*
*li flimkien żorna din il-belt*
*tal-Madonna.*

Fuq art kollha ħdura
Imdawra bl-għoljiet
Fejn bdiewa w ragħajja
Qed jaħdmu għall-kwiet,

U xemx u art jidħku
Go bewsa ta' sliem,
Tpespis ta' għasafar,
Tgelgil ta' widien,

Hemmhekk, o Madonna,
Int dhert dak il-ħin :
Żagħżugħa, sabiħa
Bħal tfajla t'għoxrin.

Bid-dija li xterdet
Mill-ħarsa t'għajnejk,
Bil-ferħ illi dawwal
Il-ward ta' ħaddejk,

Tajt ħajja lill-grotta,
Sebbaħt Massabielle,
Fil-qlub tfajt l-imħabba
Bla tebgħa, bla dell.

Għalxejn ir-riħ nefaħ,
Għalxejn l-għadu qam
U ried illi jiżra'
Il-qawwa tad-dlam.

Għalxejn ried li jeqred
Il-ħeġġa tat-talb,
U bl-għodda tal-ħażen
Isemmem kull qalb.

Għalxejn : hemm bqajt Inti,
Qawwija f'kull żmien.
Bħal xemx kbira tiddi,
Hekk rak il-ħolqien.

Bħal xemx illi xxerred
F'kull rokna d-dawl tagħha,
Hekk inti Madonna,
Ferħ tnissel u saħħa.

Ferħ tnissel u saħħa,
Għalhekk fostna ġejt
U s-saltna sabiħa
Tas-Sema ħallejt.

Kien Frar : għodwa diefja,
Fid-daħla ta' għar,
Griet tfajla biex tiġbor
Il-ħatab għan-nar.

Fil-ħin rat bħal sħaba
Ta' glorja u sbuħija,
U f'nofsha Sinjura
Imdawra bid-dija.

Ilbiesha kien abjad
Bħas-silġ tal-għoljiet,
U terħa ma' qaddha
Bħall-blù tas-smewwiet.

U dik is-Sinjura
Kont int, o Madonna,
Wisq isbaħ, wisq ifjen
Mill-warda tal-ġonna.

Hemm rateq tidħkilha,
Issejħilha għal ħdejk,
U feħmet l-Imħabba
Li kellek f'għajnejk.

Int wgħedt lil dit-tfajla
Il-hena bla tmiem,
Il-hena li jirbaħ
kull medda ta' żmien.

Mhux hena tad-dinja
Li jgħaddi u jmur,
Mhux hena li jaħrab
Kif jaħrab għasfur,

Imm' hena li jibqa'
U jikber bla jxabba',
Għax ġej minn għand Alla
Bil-ħajr ta' l-imħabba.

Għidtilha 'l dit-tfajla
Biex titlob kull ħin
Għall-midneb, għall-ħati,
Għalina l-bnedmin.

Il-talb huwa t-tarka
Tal-qalb li taf tħenn
U taħfer u tagħder
B'imħabba tal-ġenn.

U talbet it-tfajla
Għall-kotra ħajjiena:
Mill-għajn sawwab l-ilma
Tal-faraġ u l-ħniena.

Hemmhekk ġrew il-morda
Għas-saħħa w għad-dawl,
Magħtuba bdew jimxu,
Il-għomja jaraw.

Min ħaseb li l-marda
Flok tonqos se żżid,
Inħaseł f'dak l-ilma,
Ha l-ħajja mill-ġdid.

Min beka ġo soddtu
Bil-lejl u bin-nhar,
U ntreħa għal mejjet
Fuq mejda ġo sptar,

Min beka bla tama,
Minn ħajtu xebgħan,
Int dħaktlu w tbissimtlu,
Int tajtu l-fejqan.

Kemm rizq u kemm barka,
Kemm glorja xerridt
Fil-qalb ta' min ħabbek
Mill-għar fejn inżilt.

U kliemek, Madonna,
Bħal għana sabiħ,
Dlonk xtered bħal berqa
Ma' l-erbat irjieħ.

Il-kotra li emmnet
Ġiet f'artek, Marija,
Fil-għar ċkejken tiegħek,
Mixgħul kollu dija.

Mill-aħrax ta' l-Afrika,
Mill-Indja u l-Ġapan,
Mill-Greċja, t-Turkija,
L-Eġittu, l-Ġurdan,

In-nies ġiet bi ħġarha
Bl-eluf, bil-mijiet,
Biex troddlok l-Imħabba,
O sebħ tas-Smewwiet.

Jiena rajtha lill-kotra
Miġbura hemm ħdejk,
Minn fommok trid tisraq
Il-bews ta' xofftejk,

U l-għana minn qalbha
Bħal xmara ta' ferħ
Ibaqbaq imfawwar
B'kull ħlewwa u serħ.

U rajt nies magħdura
Taħt l-eħrex uġigħ,
Fid-dehra minn Tiegħek
Issib il-mistrieħ.

Rajt xbejba qed twieżen
Lil ħuha marid,
Qed tgħidlu kliem t'hena,
Ta' barka w ta' ġid.

Rajt omm, wiċċ in-niket,
Mitfugħa f'riġlejk,
Qed titlob, qed tibki,
Harsitha f'għajnejk,

U tfajjel bla saħħa,
Bla kelma fuq fommu,
Jitbissem u jħares
Bid-daħka lejn ommu.

U ħdejhom mara oħra
Qed titlob sogħbiena,
Titbekka dnubietha,
Tixtieq maħfra w ħniena.

Eluf ta' nies morda,
Lil qalbhom int sbaqt,
Għaddew minn quddiemek
U lilhom fejjaqt.

Jien rajtha fl-għaxija,
Mitfugħa għarkobbtejha,
Il-kotra, ruħ waħda,
Bix-xema' f'idejha.

Jiena rajt f'dik ix-xmara
Ta' ġmiel u ta' dwal
Qed tixgħel l-imħabba
Tax-xjuħ, nisa w tfal.

U jgħannu u jgħannu
B'elf leħen ferrieħ
Dak l-għana tas-Sema
Ta' merħba w ta' ġieħ.

Le, le, qatt ma ninsa
Id-dawl ta' għajnejk
Xħin jien sibtni qribek
Fil-grotta hemm ħdejk.

Hemmhekk fejn, Madonna,
F'din l-art tal-bnedmin
Kont dhert, hienja w sbejħa
Bħal tfajla t'għoxrin.

Is-sliem lilek nagħtu
Il-lum u f'li ġej,
Int Kewkba tal-paċi,
Dawl tal-Pirinej.

L-erwieħ int ġbart Miegħek,
Fejjaqthom mid-dnub,
Għat-tjieba, għas-sabar
Ftaħt beraħ il-qlub.

Is-snin tgerbu w għebu
Bħal żiffa t'April,
U magħhom intemmu
L-inkwiet u t-tfixkil.

U inti, Madonna,
Bqajt dejjem Sultana,
Fuq l-għadu rebbieħa,
Ħabiba w Omm tagħna.

Hekk tibqa' 'ħa jħabbat
U jonfoħ ir-riħ:
Imqaddsa f'għamilek,
Imżejna b'kull ġieħ.

27. XII. 51.

* Din il-poeżija nqrat fl-Akkademja Letterarja li l-Għaqda ta' l-Awturi għamlet fl-Aula Magna ta' l-Università, fis-27 ta' Diċembru, 1951.